Ir-Rumani ma kenux iridu dfin ġew kienu jibdew minn hemm. Il-liġi tagħhom kienet: "*hominem mortuum in urbe* l-bliet. Il-liġi tagħhom kienet: "*hominem mortuum in urbe ne sepelito neve urito*", li tfisser "ġewwa l-belt u la għandhom jind nu u l-anqas jinħarqu mejtin". Ir-Rabat għandna l-isbaħ kata kombi, ta' San Pawl, ta' Sant'Agta, ta' San Ktald, u oħrajn humа kbar sewwa għad li bla isem. L-*Abbatija tad-Dejr*, fit-tr tal-Fiddien, hi l-isem ta' katakombi ħdejn il-Knisja *Tax-Xerr* Hemm katakombi sbieħ u kbar barra mill-Mosta qabel taqbd n-niżla għal San Pawl-il-Baħar, imsejħin *Tal-Bistra*. Barra min l-Imqabba hemm il-katakombi *tal-Mintna* maqtugħin u minqux ħaġa sabiħa. Għandna l-katakombi msemmija *tal-Liebru* l-is mill-Gudja mhux bogħod mit-torri tal-Ġawhar.

Hemm katakombi żgħir il-Gżira ta' San Tumas mhu bogħod mit-torri; fuq wieħed minn l-oqbra maqtugħa kliem i qaddes li juri li kien hemm midfun raġel miqjum u aktarx ras kbira tal-Knisja. "*In Nomine Domini Jesu Christi surge ambula. Domine salvum me fac*". "Fl-Isem Sidna Ġesù qum imxi, Mulejja ħarisni".

Għax kullħadd ma jmurx jara b'għajnejh dawn l-oqbra fe l-ewwel insara ta' Malta ġew midfuna mħeġġa bil-fidi l-ġdida u fil-mewt ma kinux jaraw ħlief id-daħla tal-ħajja ta' dejjem? M jaf kemm iġsma ta' qaddisin ġew midfuna f'dawk id-dwiem minsija. (1)

Natu ħarsa lejn il-katakombi ta' San Pawl ir-Rabat, li ġe imnaddfa fl-1894, għax sa dak iż-żmien kienu mimlija bi tra ħaġar, żibel u kull ma sata jinxeħet fihom ma' tul xi elf sen Il-lum indaf u mdawla bil-lampi elettriċi.

Tinżel 18-il tarġa u ssib ruħek f'wesgħa. Fuq ix-xell jidher li darba kien hemm kappella li tinżel għaliha b'żew tarġiet. Fuq il-lemin hemm taraġ li jieħu għat-triq ta' l-oqb Żewġ qatgħiet imdawra donnhom mitħna tal-miexi li hemm f'd wesgħa kienu mwejjed li l-ewlenin insara kienu jimteddu m dwarhom u jieklu b'tifkira tal-mejjet li kienu se'r jidfnu. talb kien isir ma' dwarhom ukoll.

F'dawn il-katakombi hemm tliet xorta ta' oqbra. Hem oqbra maqtugħin fil-ħajt, kemm kemm joqgħod ġisem, li kie jingħalqu b'ħaġra, jew bil-madum u nbagħad jinksew bit-ta Ir-Rumani dawn kienu jsejħulhom *loculi*.

(1) Aqraw xi jgħid is-Sur Pawl Bellanti fil-ktieb tieg "*Studies in Maltese History*".



Fil-kurituri hemm oqbra donnhom kaxxa mħaffra fil-blat u dina kienet titgħatta b'ċangatura jew b'maduma u kienet tiġi bħal mejda. Għalhekk sejħulhom *sepolcri a mensa*, (oqbra bħal imwejjed). Dawn kienu x'iżjed ta' nies sewwa u ta' familji.

Ftit minn l-oqbra maqtugħin li jixbhu xi oqbra Griegi msejħa "*sarcofagi*" u dawn ma jinsabux ħlief Malta.

Kollox juri reqqa ta' xogħol, twemmin ta' hedu ta' dejjem u ta' tama ta' qawmien f'jum il-ħaqq. Kollox mistur, bla tlellix, bla nqix għax in-nisrani ma għandux juri ruħu kburi iżda għandu jintelaq f'idejn il-ħniena t'Alla. It-tlellix għal għajn in-nies: u fil-mewt in-nisrani ma għandux jaħseb ħlief fid-dinja l-oħra fejn iż-żina li tgħodd hija dik ta' l-egħmil it-tajjeb fil-ħajja, iż-żina fir-ruħ. Hekk kienu jaħsbuha l-ewwel insara u dan igħallmuna l-katakombi. Għalhekk min iżurhom bid-dehen jitgħallem x'kienu jagħmlu missirijietna elfejn sena ilu u x'kienu jaħsbu fuq il-ħajja ta' dejjem u kemm kienu bi twemmin qawwi, jithejjew għaliha.

**T. Z.**

## LILL-KITTIEBA TAL-"MALTI"

MIN

MOĦĦU . LEJN . OMMU . JIĠBOR

BIEX . LILHA . JKABBAR

ISIMHA . JWEĠĠAH

U . MA' . KULLĦADD . SBUĦITHA . JXANDAR

KBIR . JISSEJJAĦ

QUDDIEM . ID-DINJA

GĦAL . DEJJEM . TA' . DEJJEM

ISMU . MNAQQAX . JIĠI

FIL-KTIEB . TAL-ĦAJJA

TAL-GLORJA.

**P.**